**Laqgħa Numru 84**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**26 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.40 ta' filgħaxija.

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**84.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

84.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

83.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 83 li saret nhar it-Tlieta 23 t'Ottubru 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**84.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

84.3.1 Is-Sindku rreferra għaċ-ċelebrazzjonijiet marbuta ma' Jum Ix-Xewkija. Hu stqarr li kien ferm sodisfatt li din is-sena l-Kunsill kien kapaċi jagħmel tibdil sostanzjarju fil-programm. L-attivitajiet immirata għat-tfal fl-iskola primarja fejn ġew premjati b'ġugarelli edukattivi fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-librerija intlaqgħet tajjeb ħafna kemm mit-tfal u anke mill-ġenituri. Is-serata tas-Sibt kienet organizzata ferm tajjeb anke bl-għajnuna ta' ħafna volontarji u kienet imfaħħra minn kulħadd.

84.3.2 Is-Sindku kkomunika li kien infurmat li l-iskema għar-restawr fuq postijiet bħal niċeċ, etċ kellha toħroġ dalwaqt. Is-Sindku stqarr li jaħseb li ġaladarba kienet se tittranġa l-pjazza kellhu jittranġa s-salib tal-pjazza. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

84.3.3 Is-Sindku kkomunika li kienet intbagħtet l-applikazzjoni taħt id-DPF biex il-Kunsill seta' jibbenefika minn dan il-fond għall-proġett tal-Upgrading tal-Playing Field fi Triq Il-Ħamrija, proġett li huwa stimat li jlaħħaq il-€110,000.

*5.02pm Laqgħa sospenduta peress li Jeanelle Attard ħarġet mil-laqgħa.*

*5.06pm Laqgħa tkompliet hekk kif il-Kunsilliera Jeanelle Attard daħlet fil-kamra tal-laqgħa.*

84.3.4 Is-Sindku rreferra għall-belvedere fl-inħawi tal-Barmil fejn kien mar fuq il-post hu flimkien mal-Perit. Hu stqarr li m'hemmx affarijiet kbar u l-ewwel hu meħtieġ li jittranġa l-ġebel tal-ħitan. Kien qalek li kellha tintbagħat talba fuq is-sisteam tal-Gozo LC biex jintalbu kemm ħaddiema u materjal mill-Ministeru t'Għawdex.

84.3.5 Is-Sindku saqsa lis-segretarju rigward jekk inġabrux il-kwotazzjonijiet tas-siġġijiet għall-*boardroom* u d-desktijiet. Is-segretarju nfurmat lil membri preżenti li kienet qed tistenna li jaqblu fuq stil u kulur. Il-membri preżenti qablu li s-siġġijiet kellhom ikunu suwed u dawk tal-*boardroom* mhux bir-rota.

*5.35pm Hubert Saliba daħal fil-kamra.*

84.3.6 Is-Sindku kkommunika li x-xogħlijiet fuq il-pjazza kienu ser jibdew fil-viċin ħafna. Għalhekk ġie diskuss li ma kienx jagħmel sens li jintefqu ħafna flus fuq l-armar tal-Milied u kien diffiċli li tarma jekk ix-xogħlijiet kienu se jibdew minnufih. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li għal din is-sena nużaw it-tiżjin li għandna u jekk ix-xogħlijiet se jibdew fil-pjazza jiżżejjen fejn il-Kunsill il-Ġdid.

84.3.7 B'referenza għall-Milied, is-Sindku talab lis-Segretarju biex tibda taħseb fil-preparamenti relatati ma' din il-festa fosthom iż-żjara tal-President. Kien deċiż li l-President tiġi milqugħha fil-knisja hekk kif ikun hemm attendenza ferm sabiħa fejn ħafna tfal jattendu għan-novena. Rigward il-Ħarġa tal-Milied għall-Anzjani kien deċiż li l-ħarġa ssir il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018 wara li niċċekjaw li m'hemmx attivatijet tal-Milied mill-għaqdiet tar-raħal u anke mill-Ministeru li jkunu mmirati għall-anzjani. L-ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill u l-istaff kellha isir fl-4 ta' Jannar 2019.

84.3.8 Is-Sindku stqarr li kien iħoss li għandhom issiru mill-inqas 3 tabelli biex jitwaħħlu fil-konfini tar-raħal. Is-Segretarju ħadet nota biex tintbagħat talba lill-HSBC biex jisponsorjaw dawn it-tabelli.

**84.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

84.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet biex il-pagament mitlub mill-Planning Authority minħabba permessi u *street contribution* li riedu jitħallsu marbuta mal-Proġett tal-Open Gym jkun imħallas nofs mill-Kunsill u nofs min-naħa tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Is-Segretarju kkonfermat li fl-MOU hemm indikat li dawn l-ispejjeż kellhu jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill.

*6.00pm George Zammit daħal fil-kamra.*

84.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet lis-Sindku jikklarifika fuq l-arloġġ tax-xemx peress li kien semma' li kien se jittranġa fid-diskors tiegħu f'Jum Ix-Xewkija. Is-Sindku ssostna li ħasra li xi ħaġa unika f'Malta tinqered u hu jemmen li dan għandu jiġi restawrat wara li jsir ftehim mas-sidien peress li dan l-arloġġ jinsab f'residenza privata.

84.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġerriet li nikkomunikaw mal-Comune ta' Castelvenere biex naraw rigward il-possibilita' li jittella' grupp ta' studenti għall-festa ta' San Barbato li ssir fi Frar. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

84.4.4 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex isir *flood light* fi Vjal Il-Labour peress li t-triq mudlama. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

84.4.5 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex isir ukoll *flood light* fit-triq San Pawl, wara l-knisja biex b'hekk jonqsu l-abbużi li qed ikun hemm. Il-Kunsill approva din it-talba.

84.4.6 Il-Kunsillier George Zammit talab biex issir mera fejn tas-Salvatur. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

**84.5 Offerti mitfugħa għas-Sejħa ta' Perit tal-Kunsill**

---

84.5.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni għall-offerti ta' perit tall-Kunsill kienu ġew ssottometti żewġ offerti. Is-Segretarju nfurmat lil Kunsill li l-bord tal-evalwazzjoni kien ħa jintaqa' fis-7 ta' Diċembru, 2018 biex jevalwa l-offerti mitfugħa.

| **Isem tal-Perit** | **Ammont(€) mingħajr VAT** |
|---|---|
| | |
| Perit Edward Scerri | €9850 |
| Perit Mario Cordina & Perit Angelo Portelli | €4660 |

**84.6 Sejħa għat-Tender tal-Ħitan tas-Sejjieħ u Tender għaż-Żamm tat-Toroq**

84.6.1 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-offerti għall-bini tal-ħajt tas-sejjieħ taħt il-Miżura 4.4 u għaż-Żamma tat-Toroq kienu miftuħa u dawn jagħlqu fil-11 tal Diċembru, 2018 fid-9.30am.

**84.7 Quartely Reports: Lulju-Settembru 2018**

84.7.1 Is-Sindku Paul Azzopardi ippreżenta lill-membri tal-Kunsill il-*quarterly financial report* għall-perjodu Lulju-Settembru 2018. Dan ir-rapport ġie approvat mill-membri tal-Kunsill.

**84.8 Korrispondenza u Materji Oħra**

84.8.1 Imejl mingħand is-Segretarju tal-Għaqda Armar Xewkija fejn f'isem l-istess Għaqda talab għall-kollobarazzjoni tal-Kunsill biex jiġi restawrat il-pavaljun li kien jintrema fid-daħla tax-Xewkija, peress li irid isir ukoll xogħol ta' restawr fil-pavaljun li jilħaq is-somma ta' €1000. Waqt li l-kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li l-Kunsill għandu jikkoloborra bl-ammont ta' €800, il-membri l-oħra baqgħu ma ssuġġerrewx kemm għandu jkun l-ammont li bih jikkolloborra l-Kunsill.

84.8.2 Imejl mingħand is-Sa Fleur Marie Bugeja mill-Health-Primary Health Care fejn qalet li ser jibdew jiġu offruti sessjonijiet f'medda ta' 12 il-ġimgħa fil-Berġa tax-Xewkija dwar l-obeżita' sabiex il-Kunsill jippromwovi dawn is-sessjonijiet permezz ta' diskors fil-Kunsill tax-Xewkija.

84.8.3 Imejl mingħand is-Sa Carmen Elizabeth Abela dwar laqgħa li ser issir mill-Onorevoli Silvio Parnis għall-pubbliku dwar ir-Riforma fil-Gvern Lokali u l-Komunitajiet sabiex jisma' s-suġġerimenti tal-pubbliku. Il-laqgħa ser issir il-Ġimgħa 30 ta' Novembru fis-6.30pm fis-Sala tal-Każin tal-Banda Xewkija. Is-Sa Abela f'imejl separata stiednet lil membri tal-Kunsill għal-laqgħa mas-Seg Parlementari Silvio Parnis il-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2018.

84.8.4 Ċirkulari numru SPI 12/2018 dwar Skema Finanzjarja favur il-Komunita – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports li b'estensjoni kienet tagħlaq it-Tlieta 27 ta' Novembru.

84.8.5 Ċirkulari AKL 2018/137 Stqarrija mill-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar it-tqassim ta' kontenituri għall-iskart organiku.

84.8.6 Ċirkulari AKL 2018/136 Stedina mill-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali għar-riċeviment tal-Milied. Il-festin ser isir fl-20 ta' Diċembru fis-sala tal-Assoċċjazzjoni.

84.8.7 Imejl mingħand is-Sur Eugenio Buttigieg dwar 'Dental Talks' li ser isiru lill-pubbliku. Huwa talab lil Kunsilli Lokali li jixtiequ jorganizzaw dawn it-taħdidiet biex jikkuntattjaw lilu jew lil Mr. Frans Laus.

84.8.8 Imejl mingħand il-President tal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Xewkija fejn talab kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali ix-Xewkija għall-Festa ta' San Ġwann 2019. Huwa bgħat il-pjan tan-Nar għall-ġimgħa tal-Festa fejn l-istess Għaqda ser tkun qed tiċċelebra l-ewwel 10 snin mit-twaqqif tagħha. Il-Kunsill innota l-kontenut.

84.8.9 Imejl mir-Reġjun Għawdex dwar l-Introduzzjoni tal-Proġett Sort It Out fejn ser isir it-tqassim tal-Bins lir-residenti. Ir-reġjun talab lil Kunsilli Lokali biex jidentifikaw post fil-lokalita tagħhom minn fejn tkun tista ssir d-distribuzzjoni tal-bins u għandhom jinfurmaw lir-Reġjun dwar il-post identifikat. Is-sinjura Mary Gaerty mill-Green Skip Services wieġbet li kienet ser tibgħat lill-kunsilli lokali biex tissetja l-ġranet tat-tqassim u talbet lill-kunsilli biex jibgħatula n-numru ta' 'households' fil-lokalita tagħhom.

84.8.10 Korrispondenza min-naħa tal-Lands Authority fejn qed tinforma lil Kunsill li b'deċiżjoni tal Bord il-War Shelter fil-Pjazza qed jiġi transferit lil Kunsill għall-perjodu ta' 45 sena.

84.8.11 Korrispondenza mill-Għaqda Milied Xewkija biex il-Kunsill jikkoloborra mal-għaqda fil-printing ta' banner u polo shirts għall-ammont ta' €236.

84.8.12 Imejl mingħand is-Sa Isabella Camilleri Aquilina fejn nfurmatna li rigward l-Iskema tal-Librerija ħa nieħdu l-allokazzjoni ta' €400 għall-installazjoni tal-Airconditioner fil-librerija.

84.8.13 Korrispondenza mill-Grupp Organizattiv tal-Ħamrija biex il-Kunsill jikkoloborra fit-tiżjin tal-Milied fl-inħawi tal-Ħamrija. Il-Kunsill ddiskutta u qabel li peress li kienu qed isiru xogħlijiet f'Tal-Ħamrija m'għandux jikkolloborra.

84.8.14Talba minn residenti li xtaqu jibqgħu anomini biex isiru bollards mal-ġibjun peress li hemm minn qed saħansitra jipparkja fuq il-ġibjun. Il-membri unanimament qablu ma' dan.

**84.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

83.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**84.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

84.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.20pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018 fl-4.00pm.

Konfermati, illum **18 ta' Diċembru 2018**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |